**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 28 ta' Ottubru, 2015**

**Talba Nru: 329/15 DMA**

**Francis Cassar**
**ID 515465**

**Vs**

**Joseph Spiteri**
**ID 211838M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' April, 2015 fejn l-attur talab illi l-ammont mitlub jirrapprezenta parti minn somma akbar li l-attur silef lill-konvenut, u li baqghet ma thallsitx lura, skond skritturi privati bejn il-partijiet.

Il-konvenut prezenta risposta fit-28 ta' Mejju, 2015 fejn eccepixxa illi t-talbiet prezenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespoet l-istess attur qed jesponi u/jew gja espona lilu nnifsu ghall-proceduri kriminali f'dawn ir-rigward u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi, bl-ispejjez;

Galv risposta ulterjuri.

Giet ipprezentata ukoll eccezzjoni ulterjuri tan-nuqqas ta' kompetenza ratione valoris.

It-Tribunal semgha z-zewg partijiet jixhdu kif ukoll ix-xhieda prodotti minnhom.

It-Tribunal ghalhekk huwa tal-fehma illi din hija kawza fejn biex jigi stabbilit ir-ragun ghas-somma tal-attur hemm bzonn li wiehed jidhol fil-kuntratt jew kitba bejn il-partijiet. Din il-kitba u ftehim bejn il-partijiet hija f'ammont li jissupera l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Inoltre l-partijiet lanqas jaqblu dwar xi thallas jew le ghalhekk huwa inevitabbli li t-Tribunal jirreferi ghall-iskrittura bejn il-partijiet.

Gialadarba inholqot din il-kwistjoni t-Tribunal ma jistax jiddecidi dan il-kaz minhabba kompetenza ratione valoris.

It-Tribunal ghalhekk jichad it-talba attrici u jilqa' l-eccezzjoni tal-kompetenza tal-konvenut.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-attur.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**